**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 26 ta' Gunju, 2001

**Numru 17**

**Avviz. numru 969/00JR**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Carmel Borg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Lulju, 2000, fejn intalab il-hlas ta' tlieta u sittin lira Maltija disgha u disghin centezmu (Lm63.99) rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u "airtime" ghall-istess uzu, ghall-perijodu mid-19 ta' Jannar, 1998 sa l-1 t'Ottubru, 1999;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta fir-rigward. Semgha x-xhieda ta' Dr. Anthony Vella ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont intier ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress li t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlieta u sittin lira Maltija disgha u disghin centezmu (Lm63.99), bl-imghaxijiet legali mill-21 ta' Lulju, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**